MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2007

Numru 925/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**Spettur Martin Sammut**
**V**

**MARK ANTHONY ELLUL**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **MARK ANTHONY ELLUL** ta' hamsa w tletin sena bin Godwin u Mary Louise nee Vella, imwieled l-Kanada nhar l-hamsa ta’ April 1971 u residenti Havana Apartments, Flat 8, Triq San Gorg, San Giljan, detentur tal-karta tal-identita numru 95089M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f’dawn il-Gzjjer nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 2006 f’xi hin bejn l-ghaxra u nofs u nofs il-lejl gewwa l-istabbilment maghruf bhala Coco Loco sitwat fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta’ Gudrun Nikita Uriot;

2. talli offenda l-pudur jew il-moralio b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku;

3. talli bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Gudrun Nikita Uriot, kontra l-volunta taghha, liema delitt huwa aggravate billi l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata u cioe Gudrun Nikita Uriot, giet offiza fuq il-persuna taghha u kif wkoll billi d-delitt sar bhala mezz biex Gudrun Nikita Uriot giet igieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat l-ewwel ta' Settembru 2006 esebit a fol 9 tal-atti sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din iil-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tletin ta' Awissu 2006 [fol 4].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lil Diane Giorgia Ellul prodotta mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta' Awissu 2006 **xehdet l-allegata vittma Gudrun Nikita Uriot** [fol 9A] fejn qalet li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2006, hi marret fl-istabbiliment 'Axis' f'Paceville ghal habta tad-disgha ta' bil-lejl peress li kien hemm xi attivita hemmhekk w ghal habta tal-ghaxra

neqsin kwart ta’ bil-lejl, shabha w hi telqu biex imorru fi klabb iehor bl-isem Coco Loco. Spjegat li hi kienet qed tistenna wara hbiebha fi *queue* ghal *drink*, meta membru tas-sigurta ghamlilha sinjal biex tmur hdejh w imbuttaha ghal got-*toilet* tal-irgiel. Qalet li hija zgura li dan l-membru tas-sigurta kien l-imputat odjern. Qalet li hu nizzel z-zip tal-qalziet tieghu u hareg il-parti privata tieghu. Qalet li hu ried li tmisslu l-parti privata tieghu u biex tnehhi l-hwejjeg minn fuqha. Kompliet tghid li hi ma rieditx taghmel hekk w hu pprova jghamlilha idejh fuq il-warrani taghha w hi imbuttatlu idejh lura. Ziedet tghid li hu baqa jilghab bil-parti privata tieghu u wara li beda jimmasturba, mexa ghal fejn t-*toilet* u hi setghet tahrab minn hemmhekk. Qalet li hi mill-ewwel marret hdejn shabha u qaltilhom li riedet titlaq minn hemmhekk immedjatament.

Mistoqsija mill-Qorti hekk hi marritx mill-ewwel ghand l-pulizija, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u ziedet tghid li dan m’ghamlitux ghaliex bezghet mis-*security man* u peress li ma tantx taf titkellem bl-Ingliz, pero dik l-lejla stess hi tkellmet mal-LAL *leader* tal-grupp taghhom u qaltlu b’dak kollu li kien gralha. Qalet li dan kien ghal habta tal-hamsa ta’ filghodu. Qalet li tkellmu wkoll ma *leader* iehor li kienet taf titkellem bl-Olandiz certa Tamara Tanti u flimkien marru ghand l-Pulizija. Hi qalet li kienet zgura li kien l-imputat odjern li ghamel dak li rrakkuntat. Qalet li l-incident in kwistjoni gara jum t-Tnejn filghaxija. Qalet li l-imputat ghamlilha biss sinjal biex tmur hdejh, ma tkellimx. Qalet li hu mbaghad imbuttaha ghal got-*toilet*. Ziedet tghid li l-imputat kien talabha l-*card* tal-istudenti taghha biex jara jekk kelliex izjed minn sittax il-sena, meta hi fil-fatt ghandha sbatax il-sena. Spjegat li kull nhar ta’ Tnejn ghal dawn l-ahhar sitt darbiet hi dejjem marret fl-istess bar u f’hames okkazzjonijiet minnhom rat lil imputat. Qalet li hekk kif l-imputat kien qed inizzel l-qalziet ta’ fuq tieghu, hi baqghet tghidlu li hu kien membru tas-sigurta.

Mistoqsija mill-prosekuzzjoni jekk setghetx titlaq mill-kamrin qabel, x-xhud wiegbet li le ghaliex il-bieb kien imsakkar. Qalet li l-imputat kien liebes qmis sewda, u qalziet ta’ fuq iswed wkoll u fuq il-wara tal-qmis tieghu kien hemm miktub il-kelma ‘security’ bl-abjad. Qalet li

sakemm kienet fit-*toilet* mal-imputat hu beda jghidilha li dan kien sigriet u li ma kellha tghid lil hadd bih. Qalet li apparti l-imputat presenti fl-awla, ma kien hemm ebda persuna tas-sigurta presenti fil-bar.

In kontr’ezami, ix-xhud qalet li dik il-lejla in kwistjoni kienu xi ghaxar hbieb, tfajliet u guvintur, ghalkemm ma kienetx s-sitt darba li lkoll iltaqghu hemmhekk, ghaliex ftit minnhom qatt ma ltaqghu maghha hemmhekk qabel. Qalet li kienet tmur spiss hemmhekk ghaliex d-*drink* ‘tequila’ ma kienetx tinbiegh bl-gholi hemmhekk. Kompliet tghid li dakinhar pero ‘tequila’ ma xorbitx qabel l-incident, hadet *drink* wara. Spjegat li generalment hi tirritorna d-dar ta’ min kien qed izommha bejn s-siegha w is-saghtejn ta’ filghodu u l-incident sehh ghal habta tal-ghaxra w nofs ta’ bil-lejl.

Qalet li tkellmet mal-imputat dakinhar biss, u dan meta staqsiha ghal *card* tal-istudenti u minn fejn kienet gejja. Qalet li dakinhar tal-incident, hu ma kienx staqsiha ghal *card* tal-istudenti, kien staqsiha ghaliha f’okkazzjoni precedenti. Mistoqsija x’qadet taghmel sakemm shabha kienu qed jiehdu *drink* mal-bar, x-xhud wiegbet li hi qadet tistennihom jispiccaw biex imorru go bar iehor biex imorru jizfnu.

Qalet li mbaghad l-imputat ghamlilha sinjal biex tmur hdejh u kif marret imbuttaha ghal got-*toilet*. Qalet li l-*bar* in kwistjoni huwa vicin t-*toilet*. Qalet li l-*bar* huwa wiehed pjuttost zghir. Qalet li kienu fil-parti ta’ quddiem tat-*toilet* tal-irgiel u l-bieb kien imsakkar. Qalet li kien l-imputat li sakkru kif kienu gewwa. Qalet li ma kien hemm hadd izjed fit-*toilet* waqt l-incident. Qalet li sakemm hu kien gewwa t-*toilet* li rnexxilha tiftah il-bieb u tahrab. Spjegat li hi ma werzqitx sakemm kienet fit-*toilet* ghaliex bezghet. Qalet li l-membru tas-sigurta huwa xi haga importanti fl-Olanda u huwa l-principal tal-klabb. Qalet li hasbet li ma setghet tghamillu xejn peress li kien tas-*security* u fil-fatt fl-Olanda jekk ma tobdix lis-*security*, jigu ghalik l-pulizija. Qalet li fil-bar ma tantx kien hemm nies. Spjegat li kien t-Tnejn filghaxija, ma kienx tard hafna u ma tantx kien hemm nies. Qalet li apparti hi u shabha, kien hemm xi

tnejn jew tlett minn nies ohra. Qalet li hi ma qalet xejn lil shabha meta harget mit-*toilet*. Ziedet tghid li damet fit-*toilet* ftit hin, xi minuta. Qalet li Coco Loco ma xorbot xejn.

Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2006 **xehed l-Ispettur Carmelo Abdilla** [fol 17] fejn ikkonferma li nhar t-tletin ta' Awissu 2006, kellhom rapport minghand certa Gudrun Nikita Uriot, tfajla ta' nazzjonalita Olandiza li fid-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2006, kienet nizlet l-ghassa ta' San Giljan ghal habta tad-disgha w nofs ta' bil-lejl taghmel rapport li waqt li kienet fl-istabbiliment Coco Loco fi Triq San Gorg, f'San Giljan fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 2006, hija kienet giet avvicinata minn membru tas-sigurta ta' dak l-post u dan dahhalha fit-*toilet* tal-irgiel w eventwalment ipprova jnezzghalha hwejjigha pero m'irnexxilux. Fir-rapport kien gie allegat li dan is-*security* kien hareg il-parti privata tieghu u beda jimmasturba u kif dar lejn t-*toilet*, hi irnexxilha tizgicca mill-kamra.

Ix-xhud kompla jghid li dakinhar tat-tletin ta' Awissu 2006, hu kien presenti mal-Ispettur Martin Sammut meta din t-tfajla marret taghmel din l-allegazzjoni w irrilaxxjat stqarrija fil-presenza ta' PC 1232 Kevin Schembri.

Qal li s-*security* tal-fond Coco Loco, li rrizulta li kien l-imputat odjern, wkoll kien gie msejjah l-ghassa tal-pulizija fejn irrilaxxja stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija li esibixxa bhala dokument 'Z'. Qal li fil-fatt ghal hafna mid-domandi li sarulu, l-imputat beda jirrispondi 'no comment' w ghal hafna ohra rrisponda bil-kelma 'le'. Qal li mistoqsija partikolari minnhom, meta hu staqsa lil imputat ghaliex kien qed iwiegeb 'no comment' l-imputat kien qallu li kien ahjar li jwiegeb hekk. Ikkonferma li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija rilaxxjata minnu stess. Mistoqsi jekk kienx hemm xi persuna ohra li kkolloborat dak li qalet l-allegata vittma, ix-xhud wiegeb li ma kienx irrizultalu dan l-fatt u dan ghaliex xhieda okulari ma kienx hemm.

Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2006 **xehed l-Ispettur Martin Sammut** [fol 23] fejn qal li fid-disgha w ghoxrin ta'

Awissu 2006, ghal habta tad-disgha w nofs ta' bil-lejl waqt li kien l-ghassa ta' San Giljan, kien gie nfurmat minn PS 1492 Joseph Pace li kienet marret tfajla ta' nazzjonalita Olandiza certa Gurdun Nikita Uriot, li allegat li fil-lejl ta' qabel, kienet giet molestata minn *bouncer* ta' wiehed mill-istabbilimenti bl-isem Coco Loco. Qal li fil-frattemp hi kienet spjegatlu li waqt li kienet fil-*bar*, il-*bouncer* dahhalha fit-*toilet* tal-irgiel u sussegwentement kien ghamel wkoll xi gesti quddiemha. Qaltlu wkoll li l-isem ta' dan l-*bouncer* hi ma kienetx tafu. Kompla jixhed li sussegwentement l-pulizija akkumpanjat lil l-allegata vittma gewwa Paceville u kienet identifikat lil imputat bhala l-aggressur taghha u hu taha struzzjonijiet biex l-ghada filghodu kemm il-vittma kif wkoll l-imputat imorru l-ghassa.

Ix-xhud kompla jixhed li hu tkellem mal-allegata vittma Gudrun Nikita Uriot u spjegatlu fid-dettal x'kien gara fil-lejl ta' bejn t-tmienja w ghoxrin w id-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2006. Qal li ghalkemm hi kienet titkellem bl-Ingliz, kien hemm certi dettalji li ma kienetx f'posizzjoni li tghidhom bl-ingliz w ghalhekk kienet assistita minn certa Tamara Tanti li hija ta' nazzjonalita Olandiza li tghix Malta u li tahdem fl-iskola li tattendi l-allegata vittma.

Spjega li l-allegata vittma kienet qaltlu li hi kienet ma shabha fl-istabbiliment Coco Loco u dawn bdew jixorbu 'tequila' mal-*bar* li kienet qed tigi offruta lilhom bi prezz tajjeb. Qaltlu li hi ma kienetx xorbot u qaghdet aktar lura minnhom. Qaltlu wkoll li f'hin minnhom l-imputat kien ghamlilha sinjal biex tavvicinah u hi hekk ghamlet u kif marret hdejh dan imbuttaha minn spallejha ghal got-*toilet* tal-irgiel u spiccaw fil-*cubicle* u hu beda jinza. Qaltlu wkoll li huwa beda jmissha minn fuq hwejjigha w ittanta jdahhal idu fil-qalziet taghha pero peress li kellha c-cintorin issikkat, m'irnexxielux. Qaltlu wkoll li hu beda jimmasturba u hin minnhom mexa aktar 'l gewwa fil-*cubicle* u kif resaq lejn t-*toilet*, hi irnexxiela tizgicca 'l barra u tmur hdejn shabha biex tghidilhom jitilqu 'l barra minghajr ma tathom spjegazzjoni ta' xejn. Ix-xhud qal li hu staqsiha jekk kienx hemm xi hadd minn shabha li ra lil *bouncer* li kien ghajjtilha u jimbuttaha fit-*toilet*, u hi qalet li

sa fejn taf hi ma kien hemm hadd minnhom. Qal li hu kien staqsa lil Tamara Tanti biex tghid lil allegata vittma jekk tafx kienx hemm xi resident li ra dan l-incident isehh, pero dan irrizulta fin-negattiv. Qal li hu tkellem wkoll ma PS 1492 Joseph Pace u dan qallu dak li kienet qalet l-allegata vittma lilu bid-differenza li hi qalitlu f'aktar dettal. Ix-xhud qal li hi kienet akkumpanjata minn wahda mill-ko-ordinaturi tal-iskola certa Tamara Tanti u skond hi, hadd ma ra dawn il-mossi ghaliex kienu fil-maghluq.

Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2006 **xehed PS 1492 Joseph Pace** [fol 26] fejn ikkonferma li nhar d-disgha w ghoxrin ta' Awissu 2006, waqt li kien stazzjonat l-ghassa ta' San Giljan, kienet marret certa Gudrun Nikita Uriot fejn irrappurtat li fil-lejl ta' qabel u cioe fit-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 2006, waqt li kienet fl-istabbiliment Coco Loco fi Triq San Gorg, San Giljan, wiehed mill-istaff tal-lokal kien dahhalha fejn t-*toilet* w abbuza minnha sesswalment. Qal li hu qabbad lil WPC 126 Charlene Ciantar sabiex titkellem mal-allegata vittma peress li kienet tas-sess femminil. Kompla jghid li fuq din l-allegazzjoni li ghamlet l-allegata vittma, hu kien baghat lil pulizija li kien hemm l-ghassa mal-allegata vittma biex tara jekk tgharafx lil aggressur taghha u meta gew lura dawn infurmawh li kienet gharfet lil wiehed mill-membri tas-*security* u qalilhom biex inizzluh l-ghassa. Qal li meta dan ingieb l-ghassa rrizulta li kien l-imputat. Qal li meta staqsa lil imputat kienx xoghol f'dik l-lejla, hu ghal ewwel kien irrisponda li ma kienx xoghol fl-istabbiliment Coco Loco pero wara kien qallu li kien dahal xoghol ghal saghtejn hemmhekk. Qal li meta mar l-imputat l-ghassa kien akkumpanjat minn *security* iehor li kif kienu dehlin, habat mal-allegata vittma fl-ghassa. Qal li kif l-imputat kien ghadu kif wasal l-ghassa, kien hemm l-allegata vittma li kienet ftit boghod minnhom u l-imputat, fil-presenza tieghu, ghadda kumment fis-sens li dawk kienu dawk li qed jigbdu fuqu, meta fil-fatt hu kien ghadu ma semmiehlu xejn fuq x'hiex kien gie msejjah l-ghassa. Ix-xhud esibixxa l-okkorrrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument 'Z 1'. Qal li apparti l-allegata vittma u l-ghalliema taghha, ma kien hemm hadd aktar strangier.

Illi nhar l-hdax ta’ Settembru 2006 **xehdet WPC 136 Charlene Ciantar** [fol 30] fejn qalet li fid-disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2006, waqt li kienet xoghol l-ghassa San Giljan kienet marret certa Gudrun Nikita Uriot taghmel rapport li fil-jum ta’ qabel, waqt li kienet fl-istabbiliment Coco Loco fi Triq San Gorg f’San Giljan, *security* kien ghamlilha sinjal sabiex tmur hdejh u x’hin marret hu mbuttaha ghal got-*toilet* tal-irgiel u hemm beda jmissilha sidirha u hareg il-parti privata tieghu quddiemha. Gudrun Nikita Uriot irrappurtatilha li hi kien irnexxielha tiftah il-bieb u tohrog mit-*toilet*. Kompliet tghid li hi flimkien ma kollega taghha PC 1300 Julian Fenech marru Paceville mal-allegata vittma w appena kienu ghaddejjin bil-karozza, l-allegata vittma rat lil imputat presenti fl-awla barra l-istabbiliment w gharfitu bhala l-aggressur taghha. Qalet li huma waqfu ftit aktar ‘l isfel u marru hi u PC 1300 Julian Fenech ikellmu lil imputat biex jghidulu jinzel l-ghassa biex ikellmu s-surgent u hu staqsihom x’kien gara.

Ziedet tghid li huma qalulu li riedu jkellmuh fuq xi argument li kien inqala lejliet u hu kien irrispondihom li ma setghax ikun ghaliex ma kienx xoghol il-jum ta’ qabel u li ma kienx hemm nies. Qalet li staqsewh kif kien jaf li ma kienx hemm nies jekk ma kienx xoghol u hu qalilhom li kien jaf ghaliex kien nizel l-post ghal xi hames minuti biss. Spjegat li kif nizlu l-ghassa hi u PC 1300 Julian Fenech flimkien ma Gudrum Nikita Uriot, kien nizel l-imputat u kif Gudrum Nikita Uriot ratu hiereg mill-karozza, telqet tigri. Qalet li kif l-imputat ra lil Gudrun Nikita Uriot diehla f’din il-kamra, l-imputat qal ‘dawn li qed jigbdu fuqi?’ w s-surgent staqsieh jekk kienx xoghol l-jum ta’ qabel u hu baqa jsostni li ma kienx. Qalet li staqsewh jekk kienx cert minn dan u qallu li kien ser ikellmu l-Ispettur. Qalet li sussegwentement l-imputat kien qallu li effettivament kien dahal xoghol ghal xi saghtejn.

Illi nhar s-sittax ta’ Ottubru 2006 **xehed PC 1300 Julian Fenech** [fol 43] fejn qal li fid-disgha w ghoxrin ta’ Awissu 2006, ghal habta tad-disgha w nofs ta’ bil-lejl, kien gie mibghut flimkien ma studenta u pulizija ohra fl-istabbiliment Coco Loco u dan sabiex l-istudenta tindikalhom minn kien is-*security* hemmhekk. Qal li hu

kellu jitolbu l-*particulars* tieghu sabiex inizzlu l-ghassa San Giljan. Ix-xhud qal li fil-presenza tieghu, l-istudenta ndikatlu lil imputat presenti fl-awla u hu u WPC 136 Charlene Ciantar marru jkellmuh. Qal li hu talab lil imputat l-partikolaritajiet tieghu pero hu rrifjuta li jaghtihomlu jekk ma jghidlux ghal x'hiex riedhom. Qal li hu qallu li kien inqala xi argument l-jum ta' qabel u l-imputat kien qallu li kellu zball peress li lejliet hu ma kienx xoghol hemmhekk u li ma kien inqala ebda argument peress li nies ma kienx hemm hemmhekk.

Qal li hu wara staqsih kif kien jaf li ma kienx hemm nies meta kien qed jghid li ma kienx xoghol u l-imputat qallu li hu kien mar fuq il-post biss ghal xi ghaxar minuti. Ix-xhud zied jghid li dak l-hin mar ikellmu wiehed li kien jiehu hsieb l-istabbiliment u qallu li veru li l-imputat ma kienx xoghol fil-lejla in kwistjoni pero kien mar hemmhekk ghal ftit hin. Qal li sussegwentement l-imputat kien nizel l-ghassa wahdu.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 49] fejn qal li li hu ilu jghix hawn Malta ghal dawn l-ahhar sitt snin. Qal li qabel kien jghix il-Kanada fejn fil-fatt twieled u trabba. Qal li l-familja tieghu wkoll giet tghix Malta mill-Kanada. Qal li hu kien jahdem xoghol ta' kiri ta' *sun beds* w umbrelel l-Golden Bay ma ommu. Qal li martu hi ta' nazzjonalita barranija w hawn Malta m'ghandhiex familja. Qal li l-tarbija li ghandu twieldet prematura, xahar u tlett gimghat qabel u sussegwentement kien mar jahdem Paceville bil-lejl fi Triq San Gorg. Qal li llum il-gurnata t-tarbija ghandha disgha xhur pero qabel ma twieldet hu kien jahdem Paceville pero mhux *full time*, pero llum jahdem *full time*. Qal li kien telaq jahdem minn ma ommu biex ikun aktar vicin bintu.

Ix-xhud kompla jghid li xi zmien ilu kienu marru jkellmuh mara u ragel pulizija u qalulu biex jinzel l-ghassa biex ikellmuh hemmhekk. Qal li hu kien irrispondihom li ma kienx hemm glied hemmhekk w ghalhekk ried ikun jaf fuq x'hiex riedu jkellmuh, pero dawn ma qalulu xejn u qalulu biss biex jinzel l-ghassa. Qal li dak l-hin kien mar wiehed

jismu James, li jahdem bhala *security* u tkellem mal-pulizija u staqsih jekk kellux xi incident ma xi zewg tfajliet u hu rrisponda li ma kellux. Qal li hu gieh il-hsieb li seta kien il-kaz li kien hemm zewg tfajliet li kienu fis-sakra u harighom ‘l barra. Kompla jghid li meta mar l-ghassa, kif dahal, kien hemm zewg tfajliet li telqu jigru u habtu mieghu u qal ‘dawn li qed jigdbu fuqi’. Zied jghid li hu kien gie mitlub jerga jinzel l-ghassa ghal habta tat-tmienja w nofs u dak l-hin haseb li kienet xi qlajja u la cempel lil shabu u lanqas lil avukat. Qal li hu tbellah meta semgha lil dik s-sinjura tghid dak li qalet u li kienet l-ewwel darba li kien qed jismaghha tghid hekk.

Ix-xhud kompla jghid li meta sema lis-sinjorina tixhed, din d-data li hi semmiet, hu kellu lil bintu bid-deni gholi u kien hadha l-emergenza u kien dahal xoghol ghal habta tal-ghaxra ta’ bil-lejl. Cahad dak allegat minnha fil-konfront tieghu. Ix-xhud esibixxa certifikat mediku dwar il-qaghda ta’ bintu dakinhar li gie mmarkat bhala document ‘Z’. Qal li kien ser jibqa ghomru kollu jahseb fuq dan l-oggett. Qal li kien zgur li ma kienx hu li ghamel dak li allegat din il-mara ghaliex hu mhux ragel ta’dawk l-affarijiet. Qal li huma qeghdin kumpanija wahda u jkun hemm hafna *securities*. Qal li hu qal lil pulizija li ma kienx xoghol, u qallu wkoll li kien dahal xoghol ghal saghtejn biss peress li jahdem bla ktieb. Qal li dakinhar hu kien dahal xoghol ghal habta tal-ghaxra ta’ bil-lejl u dam sat-tlieta tal-ghada filghodu. Qal li t-*toilet* jinsab distanza bejn wiehed w iehor tul tal-awla minn fejn hemm l-*bar*. Qal li hu dispjacut ghal dak li gara fis-sens li gie akkuzat hu bih. Qal li kien minnu li meta marru l-pulizija fuq il-post kienu kellmuh u talbuh jinzel l-ghassa w hu qalilhom li kien ser jaqbad u jinzel wara li staqsihom ghal x’hiex rieduh. Stqarr li kien minnu li lil pulizija qalilhom li ma kienx xoghol w imbaghad qalilhom li kien dahal xoghol ghal saghtejn, pero ghamel hekk peress li kien bla ktieb tax-xoghol. Qal li kien sar jaf li l-incident kien jikkoncerna zewg tfajliet minn dak li qallu James. Qal li l-pulizija fl-ebda hin ma qalulu fuq x’hiex kien l-incident minkejja l-insistenza tieghu. Kompla jghid li meta nizel l-ghassa, s-surgent qallu biex jerga jmur l-ghada u dak l-hin hu telaq ‘l barra minnufih u l-ghassa mar l-ghada.

Mistoqsi jekk jiftakarx li kien irrilaxxja stqarrija l-ghada meta kien l-ghassa tal-pulizija ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li lil ispettur kien qallu biex igib lil dawn n-nies quddiemu biex jara min kienu pero l-ispettur ma gabhomx ghaliex qal li l-affarijiet mhux hekk kellhom isiru. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija tieghu fl-intier taghha. Mistoqsi f'liema hinijiet hu kien dahal xoghol dakinhar, ix-xhud wiegeb li kien mill-ghaxra ta' bil-lejl sat-tlieta w nofs ta' l-ghada filghodu u dam ghaliex mar l-emergenza b'bintu. Qal li lil din t-tfajla hu qatt ma raha qabel ma gie l-Qorti u stqarr li ma jidhirilux li qatt raha fl-istabbiliment Coco Loco. Qal li jkun hemm hafna nies hemmhekk u ma kienx jiftakar li dakinhar kien hemm xi incident. Mistoqsi jekk kien hemm xi incident fis-sens li kien hemm tahwid fis-sens li n-nisa jidhlu fit-*toilets* tal-irgiel jew xi haga simili, x-xhud wiegeb li ghadda wisq zmien sabiex jiftakar, pero stqarr li dakinhar tal-incident, l-istabbiliment taghhom ma kienx mimli nies.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2006 **xehdet Diane Giorgia Ellul** [fol 53] fejn qalet li hi ilha mizzewwga lil imputat ghal tlett snin u ghandhom tarbija ta' disgha xhur. Qalet li saret taf b'dan il-kaz wara li l-imputat kien ittellgha l-Qorti u wara l-imputat kien qalilha li kienu tellugh l-Qorti. Qalet li zewgha l-imputat kien qalilha li kien hemm xi tfajla li kienet falsament akkuzatu b'reat. Spjegat li wara li qaghdet tahseb ftit ftakret li dakinhar tal-incident, bintha kienet ma tiflahx u kellha d-deni u zewgha kien cemplilha diversi drabi d-dar biex jistaqsi kif kienet baqghet bintu. Ftakret li dakinhar hi kienet marret tard ghax-xoghol, ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl u kellha maghha lil bintha. Qalet li ghamlet lejl shih diehla w hierga b'bintha fil-gallarija, minn fejn setghet tara lil zewgha l-imputat x-xoghol. Qalet li ghal habta tat-tlieta ta' filghodu kienet hadet lil bintha l-isptar. Ziedet tghid li matul dak l-lejl hi baqghet f'kuntatt ma zewgha l-imputat. Ikkonfermat li hi kienet qaghdet titkellem ma zewgha l-imputat permezz tat-telefon u li mill-gallarija setghu jaraw

lil xulxin. Qalet li qatt ma kellha problemi ma zewgha fuq r-relazzjoni li kellhom bejniethom.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jiddependi biss fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan ghaliex il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet totalment opposti ta'dak li gara fil-lejl tat-tmienja w ghoxrin ta' Awissu 2006 fl-istabbiliment Coco Poco. Illi ghalhekk il-Qorti kellha taghmel l-apprezzament taghha tax-xhieda li xhedu u cioe sabiex tistabilixxi min, fil-fehma taghha, kien qed jghid il-verita u x'interess seta' kellu f'dak li qal waqt li kien qed jiddeponi fuq il-pedana tax-xhieda. Il-Qorti qisiet wkoll l-imgieba taghhom waqt li kienu qed jixhdu.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew l-imputat qed jghid l-verita jew mhux.

Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitt imputat lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettiex.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta si tratta ta' apprezzament ta' xhieda, cioe meta si tratta dwar il-kredibilita ta' xhud. Dan ghaliex tkun ghexet il-process tul medda ta' zmien, tkun f'posizzjoni li tara u tisma l-provi *viva voce*, tara u tezamina l-imgieba u komportament ta' xhieda, tara x'interess jista jkollu xhud f'dak li qed jixhed, tara fi ftit kliem, jekk dak li qed jghid x-xhud ghandhux verament mis-sewwa jew le.

Il-Qorti tfakkar lil partijiet li hu principju generali fil-kamp penali li hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. [vide **Il-Pulizija v Paul Farrugia** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu 2000***].

Il-provi w indizzji indiretti jridu jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu imressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa l-imputat li fl-isfond ta’ dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih w ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzali li tista turbot lil imputat b’mod univoku bir-reat addebitat lilu [vide ***Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Lee Borg**,] fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi.  Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u hadd iktar.

Illi l-vittma xehdet jumejn biss wara li sehh l-allegat incident w ghalkemm fragli hafna, kienet konsistenti hafna w irrepetiet l-istess storja li kienet irrappurtat lil pulizija bl-istess dettall.  Kienet konsistenti w attendibbli hafna u b’certezza ndikat lil imputat bhala l-aggressur taghha.

Illi d-difiza sostniet li l-manjiera kif gie identifikat l-imputat ma kienetx wahda skond l-ligi w ghalhekk tali identifikazzjoni ghandha tigi skartata.

Il-Qorti, bir-rispett kollu ma taqbilx mad-difiza u dan ghaliex il-vittma giet akkumpanjata Paceville minn membri tal-Korp tal-Pulizija u kienet hi li identifikat lil imputat bhala l-aggressur taghha waqt li kienu ghaddejjin minn triq f’Paceville u dan fost diversi nies ohra li kienu fl-istess triq. Kien fuq din l-identifikazzjoni li l-imputat gie mitlub jinzel l-ghassa.

Illi l-imputat minn naha l-ohra ma kienx konsistenti f’dak li qal.  F’hin minnhom jghid li ma dahalx ghax-xoghol, f’hin iehor jghid li ghadda ghaxar minuti w imbaghad aktar tard jghid li dahal mill-ghaxra ta’ bil-lejl sat-tlieta tal-ghada filghodu.

Illi l-pulizija li baghtu ghalih ma qalulux fuq x’hiex ried ikellmu l-Ispettur, izda appena dahal l-ghassa, irrimarka, [b’referenza ghal vittma ta’ dan il-kaz] u persuna ohra, “dawk huma li qed iharrfu fuqi”.  Illi dan l-agir tal-imputat

zgur li kien wiehed naturali u cioe li jinnega dak li kien qed jigi allegat fil-konfront tieghu.

L-imputat, meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu deher konfuz w anke meta xehed viva voce l-Qorti, erbgha xhur wara ma kienx elokwenti izda agitat.

Illi l-vittma spjegat kif effettivament giet sekwestrata gewwa t-*toilet* wara li l-imputat sakkar il-bieb tal-istess u kienet imwerwra tant li m'ghajjtitx w irreagiet biss meta l-imputat avvicina t-*toilet* u hija setghet tahrab, kif effettivament ghamlet. Spjegat f'certu dettal x'ghamel l-imputat waqt li kien fil-kamrin [u cioe li mmasturba u li ried li tmisslu l-parti genitali tieghu u li ttanta jmissilha l-persuna taghha] u kemm ma rieditx tippartecipa f'dak li kien qed jaghmel, ghalkemm stqarret li kollox dam kwistjoni ta' ftit minuti sakemm harbet. Tat dettalji tal-kamra tat-*toilet* u cioe li kien jinsab boghod mill-bar u xi dettalji ohra u l-imputat fl-ebda stadju ma cahadhom jew ghamel referenza ghalihom.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat li hija wahda indellibbli, nadifa u bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha w ghalhekk ghandu jigi trattat daqs li kieku hu *a first time offender*.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 86, 87, 209 u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat MARK ANTHONY ELLUL hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena karcerarja ta' sena [1] sospiza ghal tlett [3] snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**
**Tordna lil imputat ma jkellimx, ma javvicinax, ma jimmolestax u ma jhedditx lil Gudrun Nikita Uriot ghal perjodu ta' sena [1] mill-lum taht penali ta' mitt [100] lira maltin fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna wkoll li d-divjett ta' isem il-vittma f'dawn il-proceduri b'dan li ma jigux ippublikati isimha u l-konotati taghha.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li huwa jonqos li josservha u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------